MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1284/1990/1

**Joseph Felice Pace ghan-nom u in rapprezentanza ta' A.V. Bartoli & Sons (Insurance Services) Limited u dawn bhala agenti tas-socjeta` assiguratrici estera "Legal and General Assurance Society Limited" kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha "Finesse Limited";**
**U b'nota tad-9 ta' Dicembru 1991 David Warrington ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Allied Insurance Services Limited" bhala agenti tas-socjeta` estera "Legal and General (Assurance Society) Limited assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Felice Pace *nomine***

**Vs**

**Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza ta' "The Cargo Handling Company Limited" u Adrian Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza ta' S. Mifsud & Sons Ltd., bhala agenti tal-vapur "Neptune Sun"**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-8 ta’ Novembru 1989 giet konsenjata konsenja ta’ *paper napkins* abbord il-vapur “Neptune Sun” lil Finesse Limited mis-socjeta` The Cargo Handling Company Limited b’telf u danni;

Premess illi t-telf u danni kienu jammontaw ghas-somma ta’ elfejn disa’ mija u sebgha u sittin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm2967.36,0) liema ammont gie imhallas mill-attur lil Finesse Limited abbazi ta’ polza ta’ assigurazzjoni u b’hekk gew surrogati fid-drittijiet ta’ l-istess (Dokument A);

Premess illi dan it-telf u danni gew kagunati mill-konvenut;

Premess illi meta il-konvenut gie interpellat ihallas cahad ir-responsabilita`;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli tat-telf u danni kagunati fil-konsenja ta’ *paper napkins* fuq imsemmija;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn disa’ mija sebgha u sittin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm2967.36,0) rapprezentanti telf u danni sofferti mill-attur;

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data tal-konsenja kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Adrian Mifsud *nomine* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi ai termini tal-kondizzjonijiet tal-polza tal-karigu din il-Qorti bir-rispett kollu ma ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kawza in vista ta' dak kontemplat fil-kondizzjoni numru 3 tal-Polza tal-Karigu;

2. Sussisdjarjament u bla pregudizzju ghall-premess l-esponenti ma kienx responsabbli ghall-iskarikazzjoni tal-merkanzija in kwistjoni li ngarret taht il-kondizzjoni specjali "*Free in and out*" u ghalhekk anke jekk kien hemm xi hsarat fil-merkanzija ma ghandux jirrispondi ghaliha l-esponenti;

3. Bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz illi din il-Qorti ssib lill-esponenti *nomine* responsabbli, li ma ghandux ikun il-kaz, allura din hija limitata, ai termini ta' l-istess kondizzjonijiet tal-polza, ghall-"*US$ 50 per package or maximum US$ 5.00 per 1000 kfs, whichever may be less*";

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu inidikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *nomine* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija minn fuq il-vapur NEPTUNE SUN giet sbarkata bil-hsara u meta l-merkanzija tigi sbarkata f'pakki difettusa ma titqies li tkun saret konsenja ta' l-oggetti lis-Superintendent jew lill-Kuntrattur ai termini ta' l-Artikolu 86 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Portijiet;

1. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-konvenuti *nomine* kkonsenjaw il-merkanzija u qdew il-funzjonijiet taghhom bid-diligenza kollha rikjesta minnhom mil-ligi;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu inidikati;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Frar 1992 li permezz tieghu gie nominat Dr. Patrick Galea bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-7 ta’ Ottubru 1996 li permezz tieghu l-Qorti ssostitwiet lill-imsemmi perit legali u nnominat floku lil Dr. Joseph Buttigieg;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit gudizzjarju li tinsab a fol. 54 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-27 ta’ Mejju 1998;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Mill-provi prodotti f’din il-kawza jirrizulta li s-socjeta` Finesse Limited importat f’Malta mill-Grecja wiehed u tmenin (81) *reels paper napkins*. Din il-merkanzija tghabbiet skond *Liner Bill of Lading* (fol. 22 tal-process) fuq il-vapur “Neptune Sun” li wasal Malta fit-18 ta’ Novembru 1989. Jidher li l-kariku beda jinhatt fil-21 ta’ Novembru 1989;

Minn dak li jirrizulta mit-*Tally sheets* (fol. 97, 98, 99 u 100) apparentement tezisti diskrepanza bejn dak kostatat mit-*tally clerk* tal-vapur u dak rilevat mit-*tally clerk* tal-Cargo Handling. F'dik ta' l-ewwel hemm rimarkat li hames (5) *reels* nizzlu danneggjati mentri fit-*tally sheet* tal-Cargo Handling hemm indikat li hmistax (15) il *reel* nizzlu bil-hsara. It-*tally sheets* huma *joint* billi fuqhom iz-zewg *tally clerks* apportaw il-firma rispettiva taghhom. Huma importanti inkwantu jirrapprezentaw certament prova jew ricevuta ta' l-istat tal-merkanzija li tnizzlet minn abbord;

Dokument portwali daqstant iehor validu hu l-*Gate Pass Out* mahrug mill-Cargo Handling fil-mument tar-rilaxx tal-merce lill-importatur jew lir-rapprezentant tieghu. Minnu permezz ta' dikjarazzjoni kongunta bejn il-kuntrattur portwali u l-importatur jigi stabbilit il-kondizzjoni tal-merce fl-istadju fokali tar-rilaxx. F'dan il-kaz mid-dokumenti a fol. 9 u 10 tal-process insibu dikjarat illi komplessivament kien hemm ghaxar (10) *reels 'slightly damaged'* u tnax (12) il *reel "damaged"* li tnejn (2) minnhom kienu *"loose*";

Kif akkolt f'gurisprudenza kopjuza fuq is-suggett dawn id-dokumenti – *Tally Sheet* u *Gate Pass Out* – "ghandhom ikunu bhala decizivi u jorbtu l-partijiet kollha fil-kawza li ghandhom l-opportunita` f'waqtha, *a tempo vergine*, li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt." ("**David Curmi noe –vs- Carmel Mallia et noe**", Appell Kummercjali, 6 ta' Gunju 1995);

Dwarhom jinghad illi spiss ghandhom valur probatorju determinanti billi jiccertifikaw *a tempo debito* l-istat tal-merkanzija meta tkun qeghda fl-istadju tat-trasport, hatt u konsenja minn parti ghall-ohra involuta fil-garr taghhom ("**Avukat Dottor Giovanni Griscti noe –vs- John Cooper et noe et**", Appell, 19 ta' Mejju 2000);

B'danakollu, kif hekk pacifikament ritenut, il-prova li joholqu dawn id-dokumenti hi wahda *juris tantum* ta' dak li jindikaw bhala l-verita`. ("**Reginald Micallef noe –vs- James Gollcher et noe**", Appell Kummercjali, 19 ta'

Awissu 1992; "**Joseph Felice Pace noe –vs- Godwin Abela noe**", Appell, 29 ta' Ottubru 1999). "Fi kliem iehor hija prova ribattibbli jekk u kemm-il darba naturalment, jitressqu provi kuntrarji ghal dak li jkun gie mnizzel, jew naqas milli jigi mnizzel fl-istess dokumenti." ("**Joseph Gerada noe –vs- Godwin Abela et noe**", Appell, 19 ta' Gunju 2001). Tajjeb li jigi precizat pero` li f'dan l-istess kuntest gie mwissi illi "provi a posteriori ta' dawk iz-zewg mumenti krejati bit-*tally sheet* u l-*gate pass out* ma ghandhomx valur kontra l-presunzjoni *juris tantum* li dawk id-dokumenti huma veri u awtentici; dokumenti kompilati tempestivament u fil-mument opportun." ("**Michael Gatt noe –vs- Avukat Philip Sicberras noe**", Appell Kummercjali, 20 ta' April 1995;

Is-socjeta` assiguratrici attrici tistrieh preponderantement fuq is-*survey* kondott mir-rapprezentant taghha stess. *Survey* li jinghad li gie ezegwit f'zewg stadji: l-ewwel mill-21 sat-23 ta' Novembru 1989 f'Shed 1; u t-tieni, b'mod aktar dettaljat u komprensiv fil-mahzen ta' l-importatur;

Joseph Felice Pace li kkonduca s-*survey* attribwixxa d-dannu riskontrat fir-*reels* ghal "*soiling*" u "*forklift damage*" (fol. 6). Huwa jghid li f'dak iz-zmien il-Cargo Handling kienet tuza *fork lifters*, pero` la kien prezenti meta l-merkanzija giet skarikata minn fuq il-vapur u lanqas fil-mument meta din inhattet minn fuq it-*trucks* gewwa il-mahzen tal-kumpanija mportatrici. *B'soiling* hu fisser li din tkun thammget bi zjut u materjal li jkun hemm kemm fuq il-vapur kif ukoll ma' l-art;

Dejjem skond dan ix-xhud il-verifiki tieghu tal-merkanzija tat dan ir-rizultat, jigifieri, sbatax (17) il *reel* parzjalment danneggjati u tnax (12) il *reel* kompletament bil-hsara. Huwa jsostni wkoll illi dawn kienu ghal kollox inutilizzabbli jew mhux tajbin ghall-uzu ntenzjonat;

Mill-provi s'issa ezaminati fatt singolari hu ndiskutibilment ovvju u cert. Fil-perkors taghha mill-vapur ghal ghand l-importatur il-hsara fil-merce kompliet taggrava. Mill-5 jew

15 il *reel* skond it-*tally sheets* telghat ghal 22 *reels* skond il-*gate pass* out sakemm spiccat f'29 *reels* skond is-*survey report*;

F'sitwazzjoni konfuzjonarja bhal din fir-rigward ta' l-element fattwali taht ezami, l-Qorti trid tara ta' min hi l-htija ghad-dannu u jekk ikun il-kaz kif din ghanda tigi apporzjonata. L-oneru tal-prova s'intendi kienet tinkombi fuq is-socjeta` attrici. Prova li kellha ssir minnha b'mod konvincenti, almenu fuq bazi ta' probabiltajiet. Hija din il-prova li trid tigi valjata, anke biex wiehed jara jekk tezistix gustifikazzjoni sufficjenti ghall-akkoljiment tal-konkluzjoni tar-rizultanzi peritali;

Din il-Qorti hi sodisfatta bhal perit legali qabilha illi l-hsara riskontrata kienet certament tezisti, ghallanqas in parte zgur, waqt li l-kariku kien ghadu fil-kustodja tal-vapur. B'danakollu ma tara l-ebda raguni l-ghala ghandha toqghod fuq il-konkluzjoni li wasal ghaliha l-istess perit legali li l-vapur ghandu jwiegeb biss ghad-dannu f'hames (5) *reels*. Jidher bil-wisq ovvju li dak li mmotiva lill-perit gudizzjarju jasal ghal din il-konkluzjoni kienet l-affermazzjoni ta' Anthony Mamo, *tally clerk* fl-interess ta' l-agent lokali tal-vapur, fejn dan stqarr li filwaqt li hu kien *"under ship's tackle",* it-*tally clerk* tal-Cargo Handling "is-soltu jew generalment ikun fit-tinda". Nesa jirileva pero`, u huwa dan li jiswa, li l-istess xhud kategorikament stqarr ukoll illi "t-*tally clerk* tal-Cargo Handling ma niftakarx dakinhar fejn kien";

Wiehed imbaghad koncettwalment ma jistax jaccetta l-identifikazzjoni tal-hsarat kif stabbiliti fit-*tally sheet* tat-*tally clerk* tal-vapur u jiskarta dik tat-*tally clerk* tal-Cargo Handling meta din ukoll kienet *joint tally* u dwar il-korrettezza u l-veracita` tal-kontenut taghha l-istess *tally clerk* tal-vapur jassumi l-paternita` meta apporta l-firma tieghu fuqha jew fuqhom (Dok. PB1 u Dok. PB2 a fol. 97 u 98 tal-process);

Huwa ghalhekk probabbli wkoll li d-dannu kien jezisti fi hmistax (15) il *reel* u mhux f’hamsa (5) biss. Dan fiz-zmien meta l-kariku kien ghadu mghobbi fuq il-vapur. Il-Qorti ma tistax b’gustizzja tavvalla *tally sheet* ta’ parti wahda u tiskredita jew tiskarta dik ta’ parti ohra;

Huwa minnu, u fil-fatt jista’ jaghti l-kaz, li l-merkanzija kompliet iggarrab hsara meta kienet fil-pussess tal-Cargo Handling sakemm din giet eventwalment rilaxxjata. Dan hu hekk ovvju anke mill-kontenut tal-*Gate pass out.* B’danakollu dan ma jaghmilx ghal daqshekk it-*tally sheet* tal-vapur aktar attendibbli minn dik tal-Cargo Handling;

Osservazzjoni ohra li trid issir hi din. It-*tally sheets* ghalkemm jaccertaw l-ezistenza tad-dannu ma jinghadx fihom x’kienet in-natura ta’ l-istess dannu. Dan qed jigi rilevat in kwantu jekk maggorment id-daqqiet fir-*reels* kienu prokurat minn uzu ta’ *forklifter*, dan seta’ kien hekk il-kaz ukoll meta l-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur. Dan il-fatt ma jistax jigi eskluz, daqskemm ma jistax jigi eskluz illi sar ukoll uzu minn *forklifter* fil-mument ta’ l-iskarikar tal-merce minn fuq it-trukkijiet fil-mahzen ta’ l-importatur. Hu car li ma jidherx li sar sforz bizzejjed mill-attur *nomine* biex sewwa jidentifika fl-liema stadju ta’ l-operazzjonijiet saret il-hsara. Haga wahda tidher li hi certa u cjoe li fil-mument tal-konsenja lill-importatur mill-Cargo Handling giet annotata hsara fi 22 *reel;*

F’din is-sitwazzjoni nkonklussiva l-Qorti hi propensa li takkolla lis-socjeta` konvenuta Cargo Handling b’responsabilita` ghal hsara riskontrata ghallanqas f’seba’ (7) *reels*. Figura din li tikkorrispondi ghad-differenza bejn dak li rceviet fi stat danneggjat minghand il-vapur (15) u dak li gie minnha rilaxxjat (22);

Issa l-vapur jiddefendi ruhu wkoll bl-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ gurisdizzjoni. Dan fit-termini tal-klawsola (3) stampata fuq ir-retro tal-polza tal-kariku li tippreciza li “*any dispute under this Bill of Lading shall be decided in the country where the carrier has his principal place of*

*business and the law of such country shall apply except as provided elsewhere herein"*;

Klawsola bhal din mhix wahda inuzwali u anzi l-Qrati taghna, kif anke rispekkjat fid-decizjonijiet citati mill-perit legali, dejjem ammettew il-validita` ta' klawsoli bhal dawn meta, ikkunsidrati c-cirkostanzi, jkun jidher li l-partijiet tassew riedu din il-klawsola. (**Vol. XXIV P I p 1067**);

Fis-sentenza "**PL Edoardo Frendo noe –vs- Dottor Roberto Naudi et noe**", Appell, 9 ta' Dicembru 1935 (Vol. XXIX P I p 1317), ittiehdet il-veduta prattika illi "allavolja jkun hemm klawsola f'dak is-sens, il-Qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni meta tkun kwestjoni ta' atti ta' avarea, jew ta' verifiki ta' danni li ma tistax issir hlief hawn Malta; jew almenu ma tistax issir quddiem it-tribunal ta' barra ahjar, u b'anqas spejjez, u f'anqas zmien milli quddiem it-Tribunal taghna." Ara wkoll fl-istess sens decizjonijiet a **Vol. XVII P II p 33; Vol. XXIII P III p 484; "Gerald Bartoli noe –vs- Emanuel Mathioudes noe"**, Appell Kummercjali, 29 ta' Lulju 1970);

Dan il-kriterju nsibuh abbraccjat f'bosta gurisdizzjonijiet ohra. Anzi dawn spiss imorru oltre l-aspett singolari tal-verifika tad-danni. Jitqiesu fatturi bhal konnessjoni diretta, reali u sostanzjali mal-pajjiz ta' l-iskarikazzjoni billi l-provi jistghu jigu rakkolti u stabbiliti ahjar, il-fatt tat-trapass taz-zmien, dubji dwar il-motivi tal-parti li teccepixxi n-nuqqas tal-gurisdizzjoni, l-ispejjez involuti u l-kwalita` ta' gustizzja fil-pajjiz xelt. Ara, fost ohrajn, "**The Adolph Warski"**, 1976; "**The El Awria**" 1980, "**The Pia Veste**", 1984. Materja bhal din hi mhollija fid-diskrezzjoni tal-gudikant adit mill-kaz;

Hekk ukoll kien irraguna l-Imhallef A. Parnis fis-6 ta' Lulju 1911 fil-kawza "**Giovanni Pace –vs- Gennaro Civitelli noe**":-

"*La Corte come presieduta ritiene che quella clausola nel commercio marittimo deve essere attesa quando colla*

*stessa non venisse recato un grave pregiudizio al caricatore o ricevitore nel senso che il rinviarlo innanzi al tribunale del compartimento al quale appartiene il vapore lo metterebbe nella impossibilita` di proseguire la causa, e quando per la natura delle circostanze per le prove da essere addottati, l'esercizio dell'azione in queste Isole importerebbe economia di spese e non sarebbe pregiudizievole alla difesa per parte del vapore e dei suoi proprietari. In altri termini la clausola escludente la competenza del tribunale e` soggetta ad eccezioni, avuto riguardo alla circostanza ed avuto riguardo al fine pel quale quella clausola e` stata introdotta.*"

Fl-isfond tal-provi maghrufa f'dan il-kaz, maghdud il-fatt il gja ddekorrew kwazi tlettax-il sena mill-wasla tal-vapur, il-Qorti kienet tinklina biex issegwi l-insenjament aktar reali u logiku ta' din l-ahhar sentenza citata u ta' dawk akkolti f'gurisdizzjonijiet esteri, partikolarment dawk fl-Ingilterra, illi oltre l-verifiki tghaddi wkoll ghal likwidazzjoni tad-danni u kundanna fil-konfront tal-vapur. Dan mhux ser taghmlu f'dan il-kaz mhux biex tirrispetta l-ghazla tal-partijiet, konsiderat il-fatturi kollha fuq accennati, izda ghar-raguni illi l-attur *nomine* ma pprovda l-ebda prova dwar il-ligi tas-sede tal-vapur. Ligi, li, f'kull kaz, kellha tigi segwita, rispettata u applikata. *Nolens volens* ghalhekk qed tassumi l-gurisdizzjoni limitata dwar is-semplici kostatazzjoni u verifika tad-danni;

Tenut rigward ta' dak aktar 'il fuq analizzat u determinat din il-Qorti hi tal-fehma li fuq l-attendibilita` tal-*joint tally sheet* il-hsara fi hmistax (15) il *reel* sehhet meta dawn kienu taht il-kontroll tal-vapur, mentri s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited ghandha twiegeb ghal hsara f'seba' (7) *reels*. Fuq il-kumplament kif stabbilit mis-*survey report* ma ngiebet l-ebda prova konvincenti illi d-dannu sehh meta r-*reels* kienu taht il-harsien tal-Cargo Handling jew tal-vapur;

Adoperat l-istess mizura ta' kalkolu addottata mill-perit legali l-Qorti qed tiddikjara li s-socjeta` konvenuta The

Cargo Handling Company Limited ghandha taghmel tajjeb ghar-rizarciment tad-danni limitatament fl-ammont ta’ erba’ mija tlieta u ghoxrin lira Maltija, disghin centezmu (Lm423.90) korrispondenti ghal hsara f’seba’ (7) rombli minn disgha u ghoxrin (29).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa’ in parte l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta S. Mifsud & Sons *nomine* tan-nuqqas ta’ gurisdizzjoni limitatament biss pero` ghal kwestjoni tal-likwidazzjoni u kundanna tad-danni fil-konfront tal-vapur, u f’dan is-sens tillibera lil din is-socjeta`; tiddikjara lis-socjeta` The Cargo Handling Company Limited responsabbli ghad-danni f’sebgha mid-disgha u ghoxrin romblu ta’ *paper napkins* li dwarhom giet accertata l-hsara;

Tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta’ erba’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u disghin centezmu (Lm423.90,0) u b’hekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited thallas dan l-ammont lill-attur *nomine*, bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (28 ta’ Novembru 1990);

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-kwart (¼) mis-socjeta` attrici, kwantu ghal kwart (¼) mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited u kwantu ghal nofs (½) l-iehor mis-socjeta` konvenuta S. Mifsud & Sons Limited.

--------------------------------TMIEM--------------------------------